MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 255/2003

**Elmo Insurance Agency Limited, bhala rappresentanti tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance Plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Rowena Mamo u l-istess Rowena Mamo**

**Vs**

**Emanuel sive Noel Pullicino**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz fejn l-atturi talbu s-somma ta' Lm481.96c (erba' mija u wiehed u tmenin lira Maltin u sitta u disghin centezmu) rappresentanti danni wara incident tat-traffiku.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn qal li l-incident ma kienx tort tieghu.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Skond ir-rapport tal-pulizija l-attrici qalet: “She was proceeding along Spinola Road towards the direction of the Cavallieri Hotel when all of a sudden truck AAG 069 emerged from a parking position and brushed against her vehicle”.

Skond l-istess rapport il-konvenut qal li: “He was in a stationary position when all of a sudden car number ROW 004 came along and brushed against his truck”.

Meta xehdet l-attrici hi kkonfermat il-verzjoni taghha li l-konvenut hareg minn fuq il-lemin taghha fejn kien ipparkjat.

Il-konvenut ipprezenta Affidavit fejn qal li: “Kont wieqaf mal-gemb tat-triq sporgut naqra ‘l barra billi ma kienx hemm bizzejjed spazju biex nidhol ghal dan l-iskip”.

Il-konvenut qal li l-magna tat-truck kienet mixghula.

Fil-kontro-ezami l-konvenut qal li jaqbel mal-iskizz hlief li qal li ma kienx sporgut daqshekk ‘l barra.  L-konvenut qal li ma kienx qed issuq dak il-hin.  Il-konvenut qal li jaqbel li l-attrici kellha hsara fuq il-gemb fuq in-naha ta’ wara.

Il-verzjoni tal-attrici hija izjed kredibbli mill-verzjoni tal-konvenut billi l-vettura tal-attrici ma kellha ebda daqqa fuq quddiem.  Kieku l-habta kien rizultat ta’ sewqan hazin tal-attrici wiehed kien jistenna li jkollha hsara fuq quddiem.  Il-vettura taghha ma timxix b’mod laterali.  L-incident gara tort tal-konvenut billi l-konvenut hareg minn fejn kien minghajr ma vverifika jekk kienx hemm karozzi fit-triq.

Id-danni ma gewx ikkontestati.  Gew esebiti l-ircevuti u huma ragonevoli.

Ghaldaqstant, jichad ir-Risposta tal-konvenut u jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-atturi s-somma ta’ Lm481.96c (erba’ mija u wiehed u tmenin lira Maltin u sitta u disghin centezmu) bl-imghax min-notifika tal-ittra ufficjali tal-5 ta’ Marzu 2001 u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------